MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 2065/1999/1

Kawza fil-lista: 47

**A B**
**vs**
**C sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta u talab hekk:

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ ghadiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenuta.

Billi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’dan is-sens moghti mis-

Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat is-27 ta' April 1999 (Dok A).

Tghid l-istess konvenuta ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separatament mill-konvenuta martu;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, E u F ahwa B, tigi fdata lill-attur salv l-access tal-konvenuta fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn dina l-Onorabbli Qorti in vista, inter alia, tad-dati ta' l-akkwisti tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita' minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta billi, okkorendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attur.

7. Tawtorizza lill-attur jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u r-rikorsi dwar access u manteniment ipprezentati kontestwalment.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi filwaqt li taqbel li ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, l-ewwel (1) talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser ghal ragunijiet u tortijiet imputabbli lill-attur kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza;

2. Illi, ghar-rigward tat-tieni (2) u s-seba' (7) talbiet ta' l-attur, l-eccipjenti ma topponix;

3. Illi t-tielet (3) talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux fl-ahjar interess tal-minuri li jkunu taht il-kura u l-kustodja ta' l-istess attur;

4. Illi r-raba' (4) talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa l-istess attur li huwa hati tal-firda.

5. Illi in kwantu ghal hames (5) talba ta' l-attur, filwaqt li taqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet tkun xolta, tirribadixxi li hi mhix hatja tal-firda u ghalhekk il-pretensjonijiet ta' l-attur fl-istess talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi s-sitt (6) talba ta' l-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi d-dar de quo hija d-dar matrimonjali okkupata mill-eccipjenti u minn uliedha u wkoll ghaliex huwa l-istess attur li huwa hati tal-firda.

Rat il-kontro talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti, li tinsab a fols.349 sa 352 tal-process;[1]

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport[2] tal-Avukatessa Dottor Christine Bellizzi minnha debitament mahluf;

Rat ir-rapport tad-diversi haddiema socjali nominati mill-Qorti, kif ukoll ir-rapport[3] tal-Psikjatra Dottor Joseph Pisani u r-rapport tal-Perit Arkitett Godwin Abela[4];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna u tal-kontro talba relattiva, l-attur minn naha tieghu qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta mputabbli lill-konvenuta li minn naha taghha wkoll qieghda titlob is-separazzjoni personali ghall-istess ragunijiet izda mputabbli lill-attur.  Iz-zewg partijiet jaqblu fuq il-fatt li l-konvivenza matrimonjali ta' bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewgu fit-23 ta' Dicembru 1972, u minn dan iz-zwieg kellhom hamest itfal, li minnhom illum wahda biss hija minorenni.

Illi b' digriet moghti fis-27 ta' April 1999 il-konvenuta kienet giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza ta' separazzjoni personali, liema kawza pero' giet istitwita mill-attur, bil-konvenuta tipprezenta kontro talba.

[1] Volume 1.
[2] Volume III fols.737 *et seq.*
[3] Voume 1 fol.246 *et seq.*
[4] Vol.II fol.477 *et seq.*

Illi fir-rigward tas-separazzjoni personali u tar-responsabbilita' ghaliha, il-Qorti tikkondividi pienament u taddotta fl-intier taghhom il-kostatazzjonijiet u konkluzjoni raggjunti mill-abbli perit legali fir-relazzjoni taghha a fols.744 sa 747 u li ghandhom jifformaw parti ntegrali mill-gudizzju odjern.[5] [Appendici A]

Kif korrettement osservat mill-perit legali, l-allegazzjonijiet ta' l-attur, bazati fuq id-dispost ta' l-artikoli 38 u 40, ma jirrizultawx sostnuti minn provi sodisfacenti. L-attur jserrah l-adebitu ta' adulterju da parti tal-konvenuta fuq ix-xhieda tieghu biss, minghajr xintilla ta' prova ohra, u di piu' din l-allegazzjoni hija serjament minata mill-kondizzjoni mentali li hu jbati minnha u li tinsab konfermata mill-Psikjatra Dottor Joseph Pisani. Sfortunatament jirrizulta li l-attur jbati minn ghira patologika li wasslitu biex tul il-konvivenza matrimonjali, kagun ta' l-ossessjoni tieghu, jakkuza lil martu b' relazzjonijiet extra matrimonjali, bir-rizultat li dina sfat vittma ta' theddid kostanti u komportament abusiv iehor da parti ta' l-attur li jikkostitwixxu 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40 tenut kont ukoll tal-fatt li dawn kienu rrendew impossibbli l-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet. Apparti minnhekk l-attur irrenda ruhhu hati ta' ngurja gravi meta f' okkazzjonijiet huwa kien ghajjar lil martu fit-triq 'nies, din qahba'.[6] Anke l-istess akkuzi kontinwi ta' infedelta' fil-konfront ta' martu, mhux sostnuti minn provi in propositu, jikkostitwixxu fihom infushom 'ingurji gravi'.

Illi minn naha tal-konvenuta, il-Qorti ma tara li hemm xejn x' ticcensura, u tosserva li din il-mara u uliedha kellhom jissubixxu komportament abusiv kif fuq spjegat da parti ta' l-attur rizultat tal-personalita' paranojida li dana jsofri minnha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-konvivienza

---

[5] Vol.III
[6] Vol.l fol.187

matrimonjali saret impossibbli, tort unikament ta’ l-attur ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16

**Kura u Kustodja**
Illi anke in propositu ghall-kwistjoni dwar il-kura u kustodja tat-tifla E, li hija l-unika wild tal-partijiet li ghadha minuri u li llum ghandha circa ghaxar [10] snin il-Qorti tikkondividi pienament il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali fir-relazzjoni taghha a fols.748 sa 751[7] tal-process li kopja taghhom qed tigi anness mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B].

Il-Qorti tikkonferma li l-interess primarju tal-minuri jiddetta li l-kura u kustodja tat-tifla E ghandha tigi fdata esklussivament f’ idejn il-konvenuta ommha li ilha tiehu hsiebha minn mindu twieldet. Minn naha l-ohra l-komportament ta’ l-attur li ghal dawn l-ahhar sentejn qed jirrifjuta li jara lil bintu that supervizjoni, huwa komportament inkonsiljabbli ghall-ahhar, u serva biex dghajjef ir-relazzjoni tieghu ma’ bintu; tant li llum il-gurnata l-access that supervizjoni huwa izjed rakkomandat minn qabel.

Ghaldaqstant dwar dan l-aspett, il-Qorti tafda l-kura u kustodja tal-minuri E esklussivament f idejn il-konvenuta, bid-dritt ta’ access favur l-attur darbtejn fil-gimgha, siegha u nofs kull darba, taht is-supervizjoni ta’ haddiem socjali addett ma’ l-Agenzija Appogg, ghas-spejjez ta’ l-istess attur; u dan ghal perijodu ta’ erba’ xhur, wara liema perijodu l-istess agenzija ghandha tinforma lil din il-Qorti permezz ta’ nota dwar l-andament ta’ l-access u taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha in propositu. Huwa ghalhekk ukoll fl-interess ta’ l-attur li jattendi ghas-supervised access visits bil-ghan li jerga’ jistabbilixxi relazzjoni tajba ma’ bintu E.

**Manteniment**

[7] Vol.III

Illi fl-ewwel lok qed jigi osservat li, gjaladarba l-attur huwa l-parti hatja tal-firda, huwa ghandu l-obbligu li jkompli jhallas manteniment lil martu l-konvenuta; u dan apparti mill-obbligu tieghu qua missier li jhallas manteniment lit-tifla tieghu E sakemm din issir maggjorenni.

Illi fit-tieni lok il-Qorti tosserva li fil-komputazzjoni tal-quantum tal-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi: il-fatt li l-konvenuta ma tahdimx bi qligh u li llum ghandha circa hamsa u hamsin [55] sena; l-assi taz-zewg partijiet, senjatament dawk ta' l-attur; kif ukoll il-fatt li l-attur ma kienx jhallas l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri.

Inoltre, jirrizulta li fl-imghoddi l-konvenuta ma kinitx tircevi l-ammont shih tal-manteniment fissat lilha mill-Qorti, kif ukoll li fil-passat l-attur jidher li kien irregolari u parzjalment inadempjenti fil-hlas tal-manteniment dovut lill-konvenuta. Ghalhekk il-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz thoss opportun li ai termini tas-sub inciz [3] ta' l-artikolu 54 tikwantifika l-manteniment dovut f' somma globali li ghandha tinghata lill-konvenuta.

Ghaldaqstant, il-manteniment dovut lill-konvenuta ghaliha qed jigi fissat fl-ammont ta' [Lm190] fix-xahar, li ghandu jinkludi fih l-ispejjez tal-utilitajiet tad-dar fejn ghadha tirrisjedi;  filwaqt li l-manteniment dovut mill-attur ghal bintu E qed jigi fissat fis-somma ta' [Lm150] fix-xahar pagabbli sakemm din ssir maggjorenni, liema ammont ghandu jinkludi fih l-ispejjez kollha ta' sahha ta' natura ordinarja, u dawk ta' l-edukazzjoni tal-minuri, inkluzi l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni, inkluzi wkoll it-trasport, il-hwejjeg u kotba.

Konformament mal-premess, il-Qorti tikkwantifika l-manteniment dovut lill-konvenuta ghaliha fis-somma globali ta' [Lm22,800][8], u dak dovut ghall-minuri fis-somma globali ta' [Lm12,600][9]; u tordna li l-ewwel ammont jitnaqqas minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-

8 Lm190 x 12 x 10 = Lm22,800
9 Lm150 x 12 x 7 = Lm12,600

bejgh tad-dar konjugali, filwaqt li t-tieni ammont [il-manteniment tal-minuri] jitnaqqas mir-rikavat tal-bejgh qabel ma ssir il-qasma bejn il-partijiet;  izda fil-frattemp l-attur huwa ordnat li jibqa' obbligat jhallas l-manteniment mensili kif fuq indikat, liema ammont hekk imhallas, sussegwentement jigi dedott mill-lump sums rispettivi.

Inoltre, tordna li s-somma ta' [Lm12,600] tigi depositata direttament f' wiehed mill-banek lokali f' isem il-minuri E u marbuta b' tali mod li l-konvenuta biss tkun tista', minghajr l-awtorizzazzjoni espressa tal-Qorti, tigbed minn dan il-kont is-somma ta' mhux aktar minn [Lm150] u l-imghaxijiet relattivi.

Illi a skans ta' ekwivoku l-Qorti tosserva li, ghalkemm skond il-verbal registrat fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2007, hemm dikjarat li l-konvenuta qatt ma rceviet manteniment minghand l-attur, jidher li din l-asserzjoni mhijiex preciza, anke dovut ghal fatt li l-konvenuta kienet qed tippretendi li tithallas 50% mill-introitu tal-attur oltre dak stipulat minn din il-Qorti fid-digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2006.  Di piu' jigi osservsat li l-konvenuta naqset mill-tipprezenta prospett guramentat indikati l-arretrati ta' manteniment pretiz minnha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi in propositu l-Qorti taghmel referenza ghall-pagni numri 15 sa 19 tar-relazzjoni peritali a fols.752 sa 756 tal-process, li kopja taghhom qieghda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess. [Appendici C].

Illi pero' huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet: [1] Illi rigward il-porzjoni art fabbrikabbli fi Triq l-Arznu San Gwann valutata fis-somma ta' Lm90,000, jigi osservat li ma ngabux provi sufficjenti in propositu, u ghalhekk mhux ser tigi meqjusa bhala assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti; [2] Illi rgiward l-imhazen mibjugha mill-kumpanija A B Limited fis-26 ta' Jannar 1996, jigi osservat li l-bejgh sar tlett snin qabel ma nbdew il-proceduri odjerni, u ghalhekk, in difett ta' provi ulterjuri, ir-rikavat tal-bejgh mhux ser jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-komunjoni.

*Assenjazzjoni*

Illi l-Qorti, fic-cirkostanzi, tikkunsidera gusta u ekwa s-segwenti assenjazzjoni, u ghalhekk tordna hekk:

[1] Illi d-dar matrimonjali bl-isem 'Rystensinke' Triq il-Bahar l-Iswed, San Gwann, u l-plot adjacenti ma' l-istess dar, valutati Lm400,000 u Lm35,000 rispettivament, jinbighu fuq is-suq hieles; izda wara sena, sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor, jekk il-bejgh ma' jkunx ghadu sar, il-proprjeta' tinbigh bis-subbasta.

Illi, sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor, iz-zewg partijiet huma minn issa qed jigu ordnati li jizgumbraw mid-dar matrimonjali u mill-plot adjancenti fl-gheluq ta' l-imsemmi perijodu ta' sena.

Illi mir-rikavat tal-bejgh tad-dar ghandhom jigu saldati kwalunkwe djun relatati ma' l-istess proprjeta', kif ukoll tigi elevata l-imsemmija somma ta' Lm12,600 u tigi depozitata f' wiehed mill-banek lokali, f' kont fuq isem il-minuri, b' mod li hadd mill-partijiet ma jkun jista' jigbed flus minn dan il-kont, hlief il-konvenuta C B li hi awtorizzata li tigbed biss is-somma ta' Lm150 kull xahar, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, sabiex jintnefqu ghall-htigijiet tal-minuri E; u sussegwentement, ir-rikavat jinqasm bejn il-partijiet fi kwoti wgwali sabiex porzjoni jigi assenjat lill-konvenuta filwaqt li porzjoni iehor jigi assenjat lill-attur; izda minn sehem l-attur ghandha tigi prelevata s-somma ta' Lm22,800 fuq indikata sabiex tinghata lill-konvenuta ghas-saldu tal-manteniment dovut lilha mill-attur;

[2] Illi l-investimenti mizmuma mas-socjeta' Calamatta & Cuschieri Limited jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, u kull parti tkun esklussivament intitolata li tircevi l-qligh mill-investimenti li jigu assenjati lilha;

[3] Illi l-kontijiet bankarji li hemm f' isem il-partijiet jibqghu proprjeta' esklussiva ta' dik il-parti li f' isimha huwa ntitolat il-kont;

[4] L-ghodda u l-gharmar tal-bennejja qed jigu assenjati lill-attur;

[5] L-ishma appartenenti lill-komunjoni fil-kumpanija A B Limited u l-kumpanija Borfor Limited, flimkien ma' kwalunkwe dejn li huwa dovut mill-istess kumpaniji, qed jigu assenjati lill-attur;

[6] Il-polza ta' assigurazzjoni tal-Middlesea Insurance ghandha tibqa' f' isem A B;

[7] L-investimenti mal-Barclays Sterling Bond Fund jinqassmu b' mod ugwali bejn il-partijiet; kif ukoll kull investiment iehor li ma ssemmiex u li ghadu jezisti, ghandu jinqassam bl-istess mod bejn il-partijiet;

[8] Illi l-ghamara u l-effetti mobbli kollha ezistenti fid-dar konjugali, ghandhom, sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor, jinbieghu bis-subbasta fi zmien sena, wara li jigu valutati mill-istimatur Peter Bonello li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez taz-zewg partijiet;

[9] Illi l-vetturi Mazda 626 u Opel Corsa qed jigu assenjati lill-konvenuta, filwaqt li l-vetturi Truck Ford u l-Van Transit qed jigu assenjati lill-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni ta' l-attur billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba in parte billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli eklussivament lill-attur;

[2] tilqa' t-tieni talba;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tichad ir-raba' talba, stante li l-htija tas-separazzjoni hija imputabbli lill-attur;

[5] tilqa' l-hames talba u tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta' l-assi kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata **"Komunjoni ta' l-Akkwisti."**

[6] tichad is-sitt talba;

[7] tilqa' s-seba' talba;

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:

[a] tilqa' l-ewwel talba, kif fuq indikat;

[b] tilqa' t-tieni talba, u tafda l-kura u kustodja tal-minuri E esklussivament lill-konvenuta, bil-modalita' ta' l-access favur l-attur, kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata **"Kura u Kustodja";**

[c] tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut jhallas manteniment lill-konvenuta, ghaliha u ghal minuri E, kif fuq stabbilit that is-sezzjoni ntestata **"Manteniment"**;

[d] tilqa' r-raba' u il-hames talba kif fuq stabbilit taht is-sezzjoni ntestata **"Komunjoni ta' l-Akkwisti";**

[e] tichad is-sitt talba, stante li ma ngabux provi f' dan ir-rigward;

[f] tilqa' s-seba' talba limitatament billli tapplika fil-konfront ta' l-attur id-disposizzjoni ta' l-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.16;

[g] tichad it-tmien talba;

L-ispejjez kemm ta' l-azzjoni attrici kif ukoll tal-kontro talba ghandhom jkunu kollha a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------